**MALTA**

**QORTI TAL-MAĠISTRATI (MALTA)**
**BĦALA QORTI TA' ĠUDIKATURA KRIMINALI**

**MAĠISTRAT**
**DR. CHARMAINE GALEA**

**Illum 2 ta' Awwissu 2021**

**Kumpilazzjoni numru 479/2021CG**

**Il-Pulizija**
**(Spettur Matthew Grech)**

**vs**

**AB**

Il-Qorti,

Rat l-imputazzjonijiet miġjuba kontra **AB** li ġie akkużat talli nhar il-Ħadd, l-1 ta' Awwissu 2021, għall-ħabta ta' bejn l-għaxra (1000hrs) u l-għaxra u nofs ta' filgħodu (1030) fil-ħanut A-Store fi Triq in-Naxxar, San Ġwann:-

1. Flimkien ma' uliedu, minuri ta' ħames (5) snin, tmien (8) snin, disa' (9) snin u ħdax (11)-il sena, ikkommetta serq ta' ġugarelli u apparat elettroniku, liema serq huwa aggravat bil-valur u dan għad-dannu ta' Mayong Chen u/jew persuni oħra bi ksur tal-Artikoli 261(ċ), 267, 279(a), tal-Kap 9 tal-Liġijiet ta' Malta.

2. U aktar talli naqas milli jieħu ħsieb kif jeħtieġ ta' uliedu, u ċioè ta' CD ta' ħames (5) snin, EF ta' tmien (8) snin, GH ta' disa' (9) snin u IJ ta' ħdax

(11)-il sena, meta kien fid-dmir li jieħu ħsieb ta' tfal jew persuni oħra li ma jkunux kapaċi li jieħdu ħsieb tagħhom infushom bi ksur tal-Artikoli 339(1) (j) tal-Kap 9 tal-Liġijiet ta' Malta.

Il-Qorti ġiet mitluba sabiex f'każ ta' ħtija, toħroġ ordni ta' trattament fil-konfront ta' AB ai termini tal-Artikolu 412D.

Il-Qorti ġiet mitluba wkoll sabiex f'każ ta' ħtija, barra milli tapplika l-piena skond il-Liġi, tordna lill-imputat iħallas l-ispejjeż li għandhom x'jaqsmu mal-ħatra tal-esperti skont l-Artikolu 533 (1) tal-Kap 9 tal-Liġijiet ta' Malta.

Rat id-dokumenti esebiti u l-atti proċesswali kollha;

Rat il-kunsens tal-Avukat Ġenerali;

Semgħet, fis-seduta tal-lum, lill-imputat jammetti li huwa ħati tal-imputazzjonijiet kollha miġjuba kontra tiegħu u semgħatu jikkonferma l-ammissjoni tiegħu anke wara li l-Qorti tatu żmien jikkunsidra l-pożizzjoni tiegħu u spjegatlu l-pieni relattivi għall-imputazzjonijiet;

Semgħet it-trattazzjoni dwar il-piena idonea li għandha tiġi nflitta fil-konfront tal-imputat.

**Ikkunsidrat:**

Illi fid-dawl tal-ammissjoni ta' ħtija reġistrata mill-imputat fis-seduta tal-lum fir-rigward tal-imputazzjonijiet miġjuba fil-konfront tiegħu, il-Qorti ssib lill-imputat ħati tal-istess imputazzjonijiet.

Illi fir-rigward tal-piena li għandha tiġi nflitta fuq l-imputat, il-Qorti tosserva illi l-imputat ikkopera mal-Pulizija fis-sens illi r-*res furtiva* ġiet ritornata immedjatament. Tosserva wkoll illi l-imputat ammetta fl-ewwel opportunità li kellu quddiem din il-Qorti. Semgħet ukoll lid-difiża tissottolineja d-diffikultajiet li l-imputat għaddej minnhom, fosthom anke ta' saħħa.

Illi l-Qorti, wara ħadet dan kollu inkonsiderazzjoni, hija disposta li tagħti lill-imputat ċans jiġi fuq saqajh, jekk huwa jrid. Għalhekk se tkun qiegħda tpoġġih taħt Ordni ta' Probation biex jiġi segwit u ggwidat sabiex jegħleb l-ostakoli li kien qiegħed jiffaċċja f'dawn l-aħħar żminijiet.

**DECIDE**

Għal dawn il-motivi, il-Qorti wara li rat l-artikoli 261 (c), 267, 279 (a) u 339 (l) u 339 (j) tal-Kodiċi Kriminali, fuq ammissjoni, ssib lill-imputat **AB** ħati tal-imputazzjonijiet kollha miġjuba kontra tiegħu u tpoġġih taħt **Ordni ta' Probation għal żmien tliet (3) snin mil-lum** bil-kundizzjonijiet elenkati fid-digriet anness ma' din is-sentenza u li jifforma parti integrali minnha.

Finalment il-Qorti spjegat fi kliem ċar lill-ħati l-konsegwenzi jekk huwa ma josservax il-kundizzjonijiet kollha tal-Ordni ta' Probation u/jew f'każ li huwa jikser xi kundizzjoni tal-Ordni ta' Probation.

Il-Qorti qiegħda tastjeni milli tieħu konjizzjoni tat-talba tal-Prosekuzzjoni sabiex il-ħati jħallas l-ispejjeż li għandhom x'jaqsmu mal-ħatra ta' esperti stante li l-ebda espert ma ġie nominat.

**Dr. Charmaine Galea**
**Maġistrat**

Diane Gatt
Deputat Reġistratur